MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2012

Numru 22/2012

**“Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana)**

**v.**

***… omissis …***
**Justine Zammit”**

Il-Qorti:

**1.** Regghet rat in-nota ta’ l-ufficjal tal-*probation* Maria Mifsud tad-29 ta’ Mejju 2012 li bih ghamlet denunzja fis-sens ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, u fejn infurmat lil din il-Qorti li l-imsemmija Justine Zammit mhijiex tiehu l-kura mehtiega minhabba l-vizzju tad-droga u li fis-27 ta’ Mejju 2012 harbet mill-programm tal-CARITAS; kif ukoll li l-*probationer* naqset milli taghmel il-kuntatt mehtieg ma’ l-ufficjal tal-*probation* u naqset milli

tobdi d-direttiva li tinforma lill-istess ufficjal tal-*probation* b'kull bdil tar-residenza taghha;

**2.** Rat id-digriet taghha tal-31 ta' Mejju 2012 li bih appuntat id-denunzja ghas-smigh ghall-15 ta' Gunju 2012 f'12.00 p.m.;

**3.** Rat illi f'dik is-seduta l-*probationer* ma dehritx u l-ufficjal tal-*probation* infurmat lill-Qorti li l-*probationer* kienet tinsab fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, u ghalhekk il-kaz gie differit ghat-18 ta' Gunju 2012;

**4.** Semghet id-deposizzjoni moghtija mill-ufficjal tal-*probation* Maria Mifsud fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2012; semghet lill-*probationer* Justine Zammit tiddikjara li riedet li tinghata sentenza; rat il-fedina penali aggornata tal-*probationer*;

**5.** Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-9 ta' Awissu 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 261(c), 279 u 579 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt illi ma sabitx lill-imsemmija Justine Zammit hatja tat-tieni imputazzjoni ta' ricettazzjoni stante li alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni, sabitha hatja ta' l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet, u cioe` talli:

(1) gewwa Birzebbuga nhar-is 7 ta' Awissu 2011, f'xi hin bejn is-13.00 u s-13.30tar-reati addebitati lilha, u cioe` talli gewwa l-Marsa u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Novembru 2010 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(2) fis-7 ta' Awissu 2011 f'dawn il-Gzejjer, naqset milli thares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqha mill-Qortri tal-Magistrati (Malta – Magt. Dr. J. Apap Bologna LL.D. – fid-digriet tieghu li bih taha l-helsien mill-arrest taht garanzija;

**6.** Rat l-ordni ta' *probation* ta' l-istess data maghmul fil-konfront ta' l-imsemmija Justine Zammit u li stabbilixxiet is-segwenti kondizzjonijiet:

**"1. Li matul il-perijodu ta' *probation* il-hatja ghandha ggib ruhha tajjeb, toqghod ghad-direttivi kollha tal-*probation officer* u zzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilha;**

**"2. ….**

**"3. Il-hatja ghandha tavza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta taghmel fl-indirizz residenzjali taghha;**

**"3. Li ghandha zzomm ruhha f'kuntatt ma' l-ufficjal tal-*probation* skond id-direttivi li taghtiha minn zmien ghall-iehor l-istess ufficjal tal-*probation*; u partikolarment li hija ghandha, jekk l-ufficjal tal-*probation* ikun irid/trid, tircievi zjarat ta' l-istess ufficjal tal-*probation*."**

**7.** Ikkunsidrat:

**8.** L-ufficjal tal-*probation* Maria Mifsud ikkonfermat id-denunzja taghha bil-gurament u spjegat illi l-*probationer* tinsab fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin wara li nghatat sentenza minhabba ksur ta' kondizzjonijiet ta' helsien mill-arrest. Spjegat li kienet telqet mill-programm tal-CARITAS wara anqas minn gimgha. Hija kienet tat direttiva lill-*probationer* biex taghmel dan il-programm.

**9.** Fis-sentenza taghha tad-9 ta' Awissu 2011 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet qalet illi se taghti lill-imsemmija Justine Zammit (u lill-persuna ko-imputata maghhha) "l-ahhar opportunita` biex jirriformaw ruhhom". Sfortunatament l-istess Justine Zammit ma gharfitx tiehu din l-opportunita`, u l-isforzi li saru kienu ghalxejn. Sahansitra l-atteggjament taghha

quddiem din il-Qorti, fejn talbet lil din il-Qorti taghtiha s-sentenza, juri nuqqas ta’ motivazzjoni.

**10.** Mill-fedina penali aggornata tal-*probationer* jidher illi ilha bil-problema tad-droga. Jirrizulta *prima facie* illi b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Lulju 2002 hija nstabet hatja dwar pussess tar-raza tal-pjanta cannabis u ta’ eroina, u nghatat *conditional discharge* ghal tmintax-il xahar. Imbaghad fl-4 ta’ Lulju 2003 regghet instabet hatja ta’ pussess tar-raza tal-cannabis u tqieghdet taht *probation* ghal sentejn. Dan l-ahhar tentattiv ta’ *probation* jidher li falla u ma jidhirx li hemm ir-rieda da parti tal-*probationer* illi taghmel l-isforzi mehtiega biex il-*probation* jirnexxi.

**11.** Di piu` n-nuqqasijiet tal-*probationer* huma nuqqasijiet serji u ghalhekk din il-Qorti sejra issa tittratta mal-*probationer* skond kif jipprovdi l-artikolu 21(2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta dwar l-imputazzjonijiet dedotti kontra Justine Zammit u li dwarhom il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, permezz tas-sentenza taghha tad-9 ta’ Awissu 2011 qeghditha taht *probation*.

**12**. Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, a tenur tas-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li kkonstatat li l-*probationer* Justine Zammit kisret il-kundizzjonijiet ta’ l-ordni ta’ *probation* tad-9 ta’ Awissu 2011 maghmul mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, qed tittratta maghha ghall-imputazzjonijiet li dwarhom hi kienet tpoggiet taht tali ordni daqs li kieku ghadha kemm giet dikjarata hatja minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li ghal kull bwon fini tikkonferma l-htija fir-rigward ta’ l-imsemmijin imputazzjonijet, tirrevoka l-ordni ta’ *probation* maghmul bis-sentenza msemmija, u wara li rat l-artikoli 261(c), 267, 279(a) u 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imsemmija Justine Zammit ghal prigunerija ghal perijodu ta’ ghaxar xhur. Ghal kull bwon fini tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin ghall-problema ta’ droga li ghandha l-hatja u

ghalhekk ghall-htiega li tinghata l-ghajnuna mehtiega biex tirrijabilita ruhha minn din il-problema.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------